MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 378/2002/1

**Avviz Numru 378/02 AJD**
**Anthony Grima**

**vs**

**Michael Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,150.70) rapprrezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-13 ta' Marzu 2001 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 716 misjuqa mill-attur u l-mini-bus bin-numru tar-registrazzjoni GMY 002. Ir-responsabilita' ghall-incident giet ammessa mill-konvenut liema konvneut izda qed jikkontesta l-'quantum' tad-danni reklamati mill-attur.
Bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxas-segwenti: Ir-responsabilita' tal-konvenut bhala xufier tal-minibus numru GMY 002 fl-incident in ezami kienet ammessa mill-bidu nett tant li qattt ma kien hemm opposizzjoni da parti tal-konvenut jew tal-assikurazzjoni tieghu Omnibus Pool li favur l-attur issir likwidazzjoni u hlas ta' danni konformi mad-danni li hu attwallment u materjalment garrab bhala konsegwenza tal-kollizjoni in kwistjoni.
L-attur qed jippretendi risarciment ta' danni li jmur oltre dawk minnu attwalment subiti bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni. In partikolari l-attur qed jallega li huwa garrab hsara f'rigel artificjali li jallega li kellu fil-'boot' tal-vettura tieghu. Fir-realta' m'hrmmx prova sodisfacjenti li dawn id-danni partikolari sehhew bhala konsegwenza tal-incident 'de quo'.

Sema' x-xhieda tal-attur, Ednea Mifsud, tal-konvenut Michael Xuereb,
u ta' Frank Xuereb. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-attur u ta' Marushka Grima. Ha kojizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet fil-kaz odjern tirrigwarda esklussivament ilhsara kagunata fis-sieq artificjali propjeta' tal-attur. Kif diga' ntqal aktar il-fuq id-daqqa fuq il-vettura tal-attur kienet wahda fuq wara u l-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu mal-ewwel kienu disposti jaccettaw ir-responsabilita' ghall-akkadut. Bid-daqqa l-'luggage booth' tal-vettura tal-attur ma setghax jinfetah mal-ewwel. L-attur u martu isostni li s-sieq artificjali in kwistjoni kienet tinsab stivata fil-'luggage booth'. Din is-sieq kienet maghmula mill-'fibre' u kienet tintuza mill-attur, li huwa persuna b'dizabilita', meta jmur jghum. L-iattur jghid li dakinhar tal-incident fil-fatt huwa kien sejjer jghum. Dejjem skod l-attur u martu din is-sieq artificjali kienet mghottija b'kalzatta. Malli nfetah il-'luggage booth' is-sieq artificjali tqeghdet fuq is-'seat' ta' wara tal-vettura u la l-attur u l-anqas martu ma verifikaw jekk is-sieq kellhiex hsara.

Huma ndunaw li s-sieq kienet ‘cracked’ dakinhar stess tal-incident malli rritornaw id-dar u nehhew il-kalzetta minn fuq is-sieq. L-attur isostni l kemm il-konvenut kif ukoll il-propjetarju tal-minibus, Frank Xuereb, raw is-sieq artificjali meta din tnehhiet mill-‘luggage booth’. L-attur jghid li huwa ma vverifikax jekk is-sieq kellhiex hsara dak il-hin tal-incident ghaliex beda jisthi u mart l-attur ikkonfermat lil-attur huwa konxju hafna mid-dizabilita’ u jiddejjaq juri s-sieq artificjali lil terzi.

Illi l-konvenut u l-propjetarju tal-minibus it-tnejn isostnu li huwa fl-ebda mument ma raw is-sieq artificjali meta nfetah il-‘luggage booth’. Il-konvneut jghid izda li dakinhar stess tal-incident filghaxija sab notament minghand l-attur fejn dan tal-ahhar infurmah dwar il-hsara fis-sieq artificjali.

Illi l-attur ma ndikax il-presenza tas-sieq artrificjali fil-‘luggage booth’ meta mela il-‘Front to Rear form’ ( a fol. 30 tal-process) izda indika l-hsara fil-qasba tas-sajd u – ‘hairdryer’ li wkoll kienu fil-‘luggage booth’. Il-kovenut isostni li l-‘Front to Rear form’ huwa dokument kostitwit ill-ligi u li ghalhekk il-kontenut tieghu jikkostitwixxi prova ‘de jure’ u mhux prova ‘juris tantum’. Huwa ghalhekk jirritjeni li gjaladarba l-hsara fis-sieq artificjali ma gietx indikata fil-‘Front to Rear Form’ l-attur ma pruvax li l-allegata hsara fis-sieq artificjali giet kawzata fl-incident atomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza u huwa ghalhekk m’ghandux jaghmel tajjeb ghal hsara kagunata f’din is-sieq.

Illi mill-provi rriizulta li s-sieq artficjali kient inghatat ill-attur mid-Dipartiment tas-Sahha u Edmea Mifsud li hija mpjegata tal-imsemmi dipartiment spjegat li d-Dipartiment tas-Sahha isewwi hsara fis-sieq artificjali biss jekk din il-hsara tkun ikkagunata minn ‘wear and tear’. Din ix-xhud qalet ukoll li s-sieq artificjali in kwistjoni kienet tigi spezzjonata kull sitt gimghat u li l-ahhar darba li giet hekk ezaminata is-sieq ma kellha ebda hsara. Edmea Mifsud qalet ukoll li hia kienet ezaminat il-hsara fis-sieq u spjegat li din il-hsara ma setghatx giet kagunata b’wear and tear’ izda giet kawzata b’xi daqqa kbira bha;l daqqa ta’ martell. Dejjem skond dinix-xhud il-hsara riskontrata fis-sieq hija kompatibbli ma hsara kawzata f’incident awtomobilistiku.

Illi t-Tribunal jaqbel li l-kontenut tal-'Front to Rear Form' huwa mportanti u li l-partijiet ghandhom joqoghdu attenti li kemm jista' jkun inizlu dak kollu li huwa rilevanti ghall-incident u ghall-hsarat izda mma jaqbilxx mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-kontenut tal-istess formola jikkostitwixxi prova 'de jure' u mhux 'juris tantum'. Ikun hemm kazijiet per ezempju fejn il-partijiet jimlew il-'Front to Rear Form' meta l-incident ma jkunx wiehed minn dawk ill-kazijie fejn ghandha tintela'"' din il-formoola stante li ma tkunx daqqa fuq wara. Dan ma jfissirx li l-fatt li l-partijiet eronjament  utilizzaw il-'Front to Rear Form' il-habta ghandha bilfors titqies bhala wahda 'bumper to bumper' jekk fil-fatt ma jkunx il-kaz ghaliexx l-kontenut tal-"Front to Rear Form' jitqies bhala prova 'de jure'. F'kaz fejn xi hadd mill-partijiet f'incident fejn tintela' 'Front to Rear Form' li jizviluppa xi forma ta' 'permanent disability' bhala konsegwenza tal-incident  ma jfissirx li dik il-parti ma tistghax tigi rizarcita ghad-danni rizultanti milll-'injury' semplicement ghaliex intliet il-'Front to Rear Form' liema formola mhux suppost tintela' meta jkun hemm xi hadd imwegga'. Fl-kaz odjern il-fatt li l-attur naqas jindka li s-sieq artificjali kellha l-hsara fil-'Front to Rear Form' ma jfissirx li huwa m'ghandux dritt jitlob rizarciment una volta li jipprova li l-hsara fis-sieq giet ikkawzata fl-incident in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni tal-attur ta' kif graw l-affarijiet hija verosimili sal-grad ta' probabilita'. It-Tribunal jifhem li l-attur ma vverifikax imedjatament li s-sieq artificjali kellha xi hsarra billi nehha l-kalzetta ghaliex staha mill-konvenut u Frank Xuereb. Li kieku is-sieq diga' kienet danneggjata u l-attur xtq japrofitta ruhu huwa seta' facilment wera s-sieq bl-hsara lill-konvenut u lil Frank Xuereb meta nfetah il-'luggage booth'. Inoltre l-konvenut stess ikkonferma li dakinhar stess tal-incident l-attur kien hallielu nota fejn infurmah li kien sab hsara fis-sieq artificjali. Il-konvenut u Frank Xuereb it-tnejn isostnu li huma qatt ma raw is-sieq artificjali izda t-Tribunal jirrileva li l-konvenut jghid li l-"Front to Rear Form' intliet qabel ma nfetah il-'luggage booth' liema 'luggage booth' infetah meta Frnak Xuereb kien diga' wasal fuq il-post tal-incident

u jghid ukoll li mali wasal dan tal-ahhar huwa halla kollox f'dejh. Frnak Xuereb min-naha l-ohra jghid li meta wasal fuq il-post tal-incident huwa kien mghaggel u kien mohhu biex ibiddel ir-'radiator' stante li kienu qed icemplulu l-genturi tat-tfal li kellhom jitwasslu d-dar.

Illii t-Tribunal jirritjeni li l-attur rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili li s-sieq artificjali giet danneggjata fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza u jsegwi ghalhekk li huwa ghandu d-dritt ghar-rizarciment tad-danni li huwa sofra bhala konsegwenza ta' dan il-fatt.

Illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar id-danni l-ohra reklamati mill-attur u l-anqas dwar id-dokument ( a fol. 6) li jindika l-valur tas-sieq artificjali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lll-attur is-somma ta' ta' elf, mija u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,150.70), bl-imghax legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------